Nru. 533

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

PROPRJETÀ NUMRU 24
TRIQ SAN PAWL
HAL GHAXAQ

(ara l-pjanta f'paġna 4955) tista' tkun ta' valur storiku u arkitettoniku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-Proprjetà msemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà numru 24 fi Triq San Pawl, Hal Għaxaq għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku u arkitettoniku.

(ii) Ma jistgħux isiru alterazzjonijiet kemm barra kif ukoll ġewwa, f'ebda parti tal-proprjetà msemmija hawn fuq.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-9 ta' Awissu, 1996

No. 533

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely

PROPERTY NO. 24
TRIQ SAN PAWL
GHAXAQ

(see site plan on page 4955) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The property no. 24 at Triq San Pawl, Ghaxaq, is to be considered as a Grade 2 property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of architectural and historic value.


(ii) No internal or external alterations will be permitted to any part of the aforementioned structure.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

9th August, 1996



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map:- Min E56140, N67203 Max E565631, N676681

St. Francis Ravelin,
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

24, St. Paul's Street, Hal-Ghaxaq.

Ref No. :-

Form No :- MU003